ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA'  LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 483**

**It-Tnejn 2 t'Ottubru, 2017**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Mark Grech – Viċi Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Joseph Bonnici – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Julian Paul Scicluna – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier

**ASSENTI  b'APOLOĠIJI**

Ħadd ma kien assenti.

**UFFIĊJAL  PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**483.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

483.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**483.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

483.2.1 Il-minuti tal-481 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace.

483.2.2 Il-minuti tal-482 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

**483.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

483.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-sejħa għall-offerti tal-kuntratt għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani b'mod li jitħares l-ambjent (ZLC 5/2017), tinħareġ b'urġenza u tkun miftuħa għal perjodu ta' għaxart ijiem.

483.3.2 Is-Sur Roderick Vella daħal għal-laqgħa fis-6.04 ta' filgħaxija.

483.3.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-sejħa għall-offerti tal-kuntratt għall-provvista ta' konkos, kaptelli tad-drenaġġ u kurduni (ZLC 4/2017) tinħareġ b'urġenza u tkun miftuħa għal perjodu t' għaxart ijiem.

483.3.4 Is-Sur John J Pace daħal għal-laqgħa fis-6.05 ta' filgħaxija.

483.3.5 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-sejħa għall-offerti tal-kuntratt tal-manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess biss f'Ħaż-Żabbar (ZLC 2/2017), tinħareġ b'urġenza u tkun miftuħa għall-perjodu t' għaxart ijiem.

483.3.6 Is-Sur Mark Grech u s-Sur Joseph Bonnici daħlu għal-laqgħa fis-6.07 ta' filgħaxija.

Aġġudikazzjoni tal-offerti għall-ġbir ta' skart goff (ZLC 3/2017)

483.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien sar tibdil fil-Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-offerti għall-ġbir ta' skart goff (ZLC 3/2017) peress illi s-Sur Robert Buhagiar u s-Sur Roderick Vella kienu indisposti. Is-Sindku qal illi dan il-Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-offerti għall-ġbir ta' skart goff (ZLC 3/2017) kien kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv u mis-Sur Brian Spiteri. Minflok is-Sur Robert Buhagiar inħatar bħala membru is-Sur Joseph Agius u miflok is-Sur Roderick Vella iħatar bħala membru s-Sur Joseph Vella.

483.3.8 Inqara r-rapport li tħejja mill-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Kunsill dwar l-offerti li ġew sottomessi għall-ġbir ta' skart goff (ZLC 3/2017). L-Aġent Segretarju ppreżenta r-rapport li sar u qal illi kienu ġew sottomessi żewġ offerti. L-offerti mitfugħa kienu mingħand is-Sur Ronald Bezzina u mingħand s-Sur David Grech.

| **Kuntrattur** | **Dokumenti** | **Prezz** |
|---|---|---|
| Ronald Bezzina | Mimlija | *1 item* €1.55 *per call*<br>2 *items* €1.75 *per call*<br>3 *items* €2.15 *per call*<br>4 *items* €2.29 *per call* |
| David Grech | Mimlija | *1 item* €1.50 *per call*<br>2 *items* €2.00 *per call*<br>3 *items* €2.50 *per call*<br>4 *items* €3.00 *per call* |

483.3.9 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jagħżel l-orħos offerta dik tas-Sur Ronald Bezzina.

483.3.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fil-ġimgħat li ġejjin kien ser jinbeda it-tielet fażi ta' *resurfacing* fi Triq il-Kunvent u kien ser isir ix-xogħol minn Triq Tumas Dingli 'l isfel.

483.3.11 Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Noel Castillo, Direttur tal-kumpanija *Leon Promotions* dwar l-organizzazzjoni għall-attività tal-Milied 2017. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza din l-attività flimkien mal-kumpanija *Leon Promotions* għall-prezz ta' €750 (VAT inkluż).

483.3.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienu għaddejjin diskussjonijiet mal-kumpanija *C&G Street Lighting* sabiex isir it-tiżjin tal-Milied fi Triq is-Santwarju kif ukoll fi Triq il-Kbira, in-naħa ta' Misraħ is-Sliem.

483.3.13 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill kopja tal-pjanti relatata mal-proġett ta' tisbiħ f'Misraħ San Nikola. Is-Sindku qal illi dan il-proġett kien jinkludi *picnic area, walking path*, bankijiet tal-injam u siġar. Is-Sindku qal ukoll illi kien hemm il-ħsieb li jiżdied il-post għall-parkeġġ tal-vetturi.

483.3.14 Is-Sindku qal illi l-proġett ta' tisbiħ f'Misraħ San Nikola kien qed jiġi stmat li ser jiġi jiswa madwar €300,000. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill kien ser ikun qed japplika għall-fond ta' €150,000 li hemm disponibbli taħt l-*Urban Improvement Fund* kif ukoll japplika għall-fond ta' €60,000 mill-fondi tal-GAL Xlokk. Is-Sindku qal ukoll illi kien tkellem mal-kumpanija *Bilom Group* sabiex jiffinanzjaw

parti minn dan il-proġett. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob uffiċjalment id-devoluzzjoni tal-art pubblika li hemm f'Misraħ San Nikola sabiex b'hekk tkun tista' issir l-applikazzjoni ta' żvilupp ta' ġnien pubbliku mal-MEPA u tinħareġ sejħa għall-offerti.

483.3.15 Is-Sur Joseph Agius informa lill-Kunsill li l-art f'Misraħ San Nikola kienet diżlivellata.

483.3.16 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva taħrika ta' xhieda fil-kawża tas-Sur Lawrence Borg vs il-Kummissarju tal-Artijiet et. sabiex jesebixxi kopja tal-minuti tal-laqgħat tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' żvilupp (PA/07392/97) ta' ġnien pubbliku ġewwa Pjazza San Nikola u dwar ix-xogħlijiet konnessi ma' Triq San Nikola ma' ġenb Pjazza San Nikola

483.3.17 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fil-ġranet li ġejjin kien ser ikollu diversi laqgħat ma' kuntratturi li jipprovdu *CCTV cameras.*

483.3.18 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li kien qed jinħareġ l-iskart fi Triq Villabate kif ukoll kaxxi tal-kartun fi Triq is-Santwarju wara li jkun għadda l-*iscammel.*

483.3.19 Is-Sindku tkellem dwar iċ-ċirkulari AKL 46/2017 – Inizzjattiva MCCF relatata mat-tnaqqis fl-*allowance* tal-Kunsilliera bħala donazzjoni lill-MCCF fl-istrina.

483.3.20 Is-Sindku tkellem dwar ċirkulari 22/2017 – Inizjattiva Finanzjarja Favur il-Komunità relatata ma' għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabilita` ta' librerija lokali. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien ser jagħti l-ammont ta' €800 f'għajnuna għal-librerija lokali. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament japplika għal din l-iskema u l-Kunsill joħroġ somma ekwivalenti għax-xiri ta' dawn il-kotba.

483.3.21 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza dwar talba għal *reduced hours* li saret mill-impjegata tal-Kunsill is-Sinjorina Mary Rose Caruana. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li t-talba tal-impjegata biex taħdem ħinijiet mnaqqsa tiġi aċċettata.

## 483.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

483.4.1 Is-Sur Joseph Buttigieg tkellem dwar il-*mobile toilets* li ġew mikrija matul il-jiem tal-festa u qal illi dawn il-*mobile toilets* ma ġewx imnaddfa b'mod regolari .

483.4.2 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jitwaħħal zokk ma' uħud mis-siġar li kienu tħawwlu fi Triq tal-Labour biex jagħti *support* lis-siġar.

483.4.3 Is-Sur Joseph Buttigieg irrefera għas-sejħa ffinanzjata minn Fondi Ewropej taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta – Miżura 4.4. u staqsa jekk il-Kunsill kienx ser japplika sabiex jibbenefika minn fondi għall-bini jew restawr ta' ħitan tas-sejjiegħ. Il-Viċi-Sindku qal illi din l-applikazzjoni kienet tinvolvi ħafna preparamenti u l-Kunsill ma kienx ser ilaħħaq jissottometti l-applikazzjoni sal-5 t' Ottubru 2017. Is-Sur Joseph Vella nforma lill-Kunsill illi fix-xhur li ġejjin kienet ser terġa' toħroġ sejħa simili ffinanzjata minn Fondi Ewropej taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta. Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa li jiġi rranġat il-ħajt tas-sejjiegħ ta' Triq il-Kunsill tal-Ewropa kif ukoll il-ħajt tas-sejjiegħ ta' Triq Ħas-Sajjied bil-Fondi Ewropej.

483.4.4 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fit-12 t' Ottubru 2017 kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani.

483.4.5 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fl-1 ta' Novembru 2017 grupp t' anzjani Għawdxin mill-Kunsill ta' San Lawrenz kienu ser ikunu qed iżuru Ħaż-Żabbar. Is-Sur Buttigieg qal illi kien ser jieħu lill-anzjani Għawdxin iżuru l-Mużew tas-Santwarju.

483.4.6 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-bżonn li jinqata' ħaxix ħażin fi Triq l-Attakk tal-Franċiżi.

483.4.7 Is-Sinjura Anna Calleja rreferiet għaċ-ċirkolari AKL 42/2017 - Kollaborazzjoni mal-Kummisjoni Kontra l-Vjolenza Domestika f'Sensiela ta' Attivitajiet u qalet li kienet qed tiġi diskussa l-possibiltà li tiġi organizzata attività fuq iz-zuntier tal-knisja wara li tispiċċa l-quddies.

483.4.8 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li jitnaddfu l-ispralli tal-ilma tax-xita. Is-Sindku qal illi l-ispralli kienu ser jiġu mnaddfa fil-ġimgħat li ġejjin.

483.4.9 Is-Sinjura Anna Calleja rreferiet għal-laqgħa li saret mal-Onorevoli Silvio Parnis Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali fejn fost diversi suġġetti ġiet diskussa l-*issue* dwar jekk is-Segretarju Eżekuttiv għandux dritt tal-vot meta jkun parti f'xi Bord tal-Kunsill. Is-Sinjura Calleja qalet illi kienet tkellmet ma' ex-Sindku u kien infurmha illi f'każ li s-Segretarju Eżekuttiv ikun inħatar mill-Kunsill sabiex ikun membru fil-Bord tal-Għażla sabiex jiġu mpjegati ħaddiema mal-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv għandu dritt tal-vot.

483.4.10 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi skont il-liġi is-Segretarju Eżekuttiv m'għandux dritt għall-vot meta jkun membru f'xi Bord.

483.4.11 Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi hija kienet taqbel li s-Segretarju Eżekuttiv ikollu id-dritt tal-vot f'każ li jkun inħatar mill-Kunsill sabiex ikun membru fil-Bord tal-Għażla biex jiġu mpjegati ħaddiema mal-Kunsill peress illi s-Segretarju Eżekuttiv jieħu ħsieb l-amministrazzjoni tal-Kunsill.

483.4.12 Is-Sur Julian Paul Scicluna daħal għal-laqgħa fis-6.35 ta' filgħaxija.

483.4.13 Is-Sur Joseph Agius qal illi kien qed ikun hemm ħafna skart madwar il-*bring in sites* speċjalment maġenb il-*bring in sites* li hemm fi Triq Sant' Antnin.

483.4.14 Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li titnaddaf Triq il-Ħawt peress illi kien hemm bajtar tax-xewk imqaċċat, ġebel u skart goff ieħor.

483.4.15 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kinux qed jinqabdu persuni jarmu l-iskart illegalment bis-*CCTV cameras*. Is-Sindku qal illi kienu tressqu numru ta' nies li nqabdu jarmu l-iskart bil-vettura tagħhom imma sfortunatament is-*CCTV cameras* ma fihomx *face recognition*.

483.4.16 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex il-Kunsill jikteb lis-Supretendent tal-Pulizija u jitlob li jintbgħatu l-pulizija tad-distrett iktar ta' spiss biex jagħmlu ronda f'Ħaż-Żabbar sabiex b'hekk jonqos il-vandaliżmu kif ukoll ir-rimi ta' skart f'Ħaż-Żabbar.

483.4.17 Is-Sur John J Pace talab sabiex isiru *parking bays* fi Triq il-Kittien fin-nofs tal-pjazza bil-għan li jkun hemm spazju għal aktar karozzi. Il-Viċi-Sindku ssuġerixxa li ssir *central strip* fin-nofs tal-pjazza. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mil-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jintalab il-permess ta' Transport Malta sabiex issir *central strip*.

483.4.18 Is-Sur Julian Paul Scicluna talab sabiex tiġi rranġata bankina quddiem ir-residenza numru 36 fi Triq Strickland.

483.4.19 Is-Sur Joseph Vella talab li jitwaħħlu *floodlights* mal-*iscaffolding* li hemm madwar il-Mina ta' Hompesch peress illi l-Mina ta' Hompesch kienet mudlama u xi żgħażagħ kienu telgħu mal-*iscaffolding* mingħajr awtorizzazzjoni.

483.4.20 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien ser jinbeda xogħol ta' titjib fil-*Housing Estate* ta' Ħaż-Żabbar.

## 483.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

483.5.1 Fuq proposta tas-Sur Roderick Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament ix-*schedule of payments* għall-perjodu mit-22 t'Awwissu 2017 sat-2 t'Ottubru 2017 li kien jammonta għal €54,896,82.

483.5.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar t'Awwissu 2017 li kien jammonta għal €114.04.

483.5.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Settembru 2017 li kien jammonta għal €85.97.

**483.6 Mozzjonijiet**

483.6.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**483.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

483.7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 6 ta' Novembru, 2017.

**IFFIRMATA**
Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-484 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 6 ta' Novembru, 2017.

**IFFIRMATA**
Marc Vella Bonnici
Sindku